MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 447/2014

Appell Nru: 447 & 448/2014

Il-Pulizja

Spettur Jesmond J. Borg

Spettur Johann Fenech

Vs

Roderick Delia

&

Freddie Delia

Illum 26 ta' Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Roderick Delia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 158681M u Freddie Delia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 207978M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Freddie Delia wahdu**, f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar, 2010 u l-1 ta' Marzu, 2010:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga (eroina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Gunju, 2010, kellu fil-pussess tieghu d-droga (kokaina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eklussiv tieghu;

Lil **Rodrick Delia wahdu** talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn is-27 ta' Frar, 2009 u l-1 ta' Gunju, 2010:

c. Forna jew prokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap

101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli **Freddie Delia u Rodrick Delia flimkien**, nhar l-1 ta' Gunju, 2010 u fit-tlitt snin ta' qabel, ghamlu att ta' money laundering billi:

i. Ikkonvertaw jew trasferixxew proprjeta' meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali, u/jew;

ii. Hbew jew urew haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indireattamente minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali u/jew;

iii. Akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

iv. Zammew minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn

attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew

v. Ittentaw hekk kif imsiffer fl-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq l-imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii, u iv);

vi. U aktar talli rrendew ruhhom komplici hekk kif imfisser fl-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, taghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii, u iv).

f. U fl-ahharnett tallli b'hekk irrendew ruhhom recicivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li sabet htija tal-akkuzi addebitati fil-konfront ta' Freddie u Rodrick Delia, wara li rat GN 292/1939; L.S. 101.02 Regolament 9; ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 u l-Ewwel Skeda tal-Imsemmi Kapitolu; kif ukoll l-Artikoli 22(1B), 22(2)(b), 22(1C)(b) ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 2, 2(2A), 2(3) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta – ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Ikkundannathom kull wiehed ghal piena karcerararja ta' erba' snin u nofs (4 ½); u ghal multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) kull wiehed, u dan wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat wkoll il-konfiska tal-vetturi kif gia' msemmija u cioe' tal-Pajero CGV021 u BMW PAJPAJ, wara li rat l-Artikoli 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 23A talKapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat wkoll il-konfiska tas-somma ta' tliet mija u tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€382.20) u tal-mobiles tal-imputati ezebiti. Illiberathom mill-akkuzi tal-attentat u komplicita' taht l-Artikolu 41 u 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu qieset ir-reati kunsmati individwalment fil-kaz taz-zewg imputati. Illiberathom ukoll mill-akkuza tar-recidiva in kwantu ma gitx pruvata. Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga KB 383.2010. Ikkundannathom ukoll ghall-hlas ta' spejjez peritali fl-ammont ta' erbat elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sebgha centezmi (€4,494.07) pagabbli, porzjon ugwali bejniethom, cioe' elfejn mitejn u sebgha u erbghin Ewro u erba' centezmi (€2,247.04) kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Delia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant Roderick Delia mhux hati tal-akkuza numerata (e)(v) rigwardanti l-attentat li jaghmel atti ta' '*money laundering*' u l-akkuza numerata (e)(vi) rigwardanti l-komplicitá fil-kommissjoni ta' atti ta' 'money laundering' kif ukoll l-akkuza numerata (f) tar-recidiva, tikkonfermaha wkoll in kwantu sabithu hati tal-akkuzi relatati mad-droga numerati (c) u (d) rispettivament filwaqt li thassarha u tirrevokaha in kwantu din sabithu hati tal-akkuza (e), (i), (ii), (iii) u (iv) u minnhom tehilsu u tilliberah u thassarha u tirrevokaha ukoll fil-parti fejn gie ordnat il-konfiska tal-vettura tat-tip Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CGV021 kif ukoll il-konfiska tas-somma ta' tlett mija, tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin centenzmu (€382.20) u l-mobile tal-esponent u fin-nuqqas tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena inflitta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Freddie Delia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-akkuzi mmarkata A u E u konsegwentement minnhom tilliberah, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-akkuza mmarkata B, u f'dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza mmarkata F, u tipprovdi ghal piena aktar mita u ideoneja, u fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabithu hati tal-akkuzi mmarkata A, B, u E, u wkoll f'dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza mmarkata F u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Delia huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju, jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. B'kull rispett lejn l-ewwel Qorti, fir-rigward tal-akkuzi li minnhom l-appellant qieghed

jinterponi dan l-appell, din strahet fuq ix-xhieda tal-ispettur Antonovic Muscat li xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippreseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fid-9 ta' Settembru, 2011. Dan ix-xhud xehed dwar investigazzjoni dwar hasil ta' flus li mexxa fil-konfront ta' certu Alfred Delia u Marco Delia li rispettivament jigu missier u hu l-appellant. L-ispettur Muscat xehed li din l-investigazzjoni kellha s-sors taghha f'investigazzjoni ohra li l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qedghin jaghmlu fil-konfront tal-appellatn Roderick Delia u huh Freddie Delia fejn irrizulta li l-appellant kien qieghed jaghmel uzu minn vettura tat-tip Mitsubishi Pajero li ma kienitx registrata f'ismu. Mill-investigazzjoni li ghamel l-Ispettur Muscat irrizulta li Marco Delia kien qal qallu illi huwa kien xtara l-vettura tat-tip Mitsubishi Pajero ghal huh Roderick Delia (l-appellant odjern) sabiex irabbi l-ghaqal liema fatt qatt ma gie kontradett, anzi pjuttost gie korroborat minn xhud iehor tal-prosekuzzjoni u senjatament Gaetano Spiteri. Ix-xhud Gaetano Spiteri xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Marzu, 2012. Dan ix-xhud bla tlaqliq qal li l-vettura tat-tip Mitsubishi Pajero li kienet tinstaq mill-appellant Roderick Delia kienet intrat minghandu minn Marco Delia. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni "*Pajero, u din il-Pajero min xtraha?*" ix-xhud wiegeb "*Marco Delia*". Dan ix-xhud kompla jixhed li huwa kien thallas parti depozitu u parti bil-kambjali. Huwa xehed: "*Marco Delia kien hallasni*". In oltre ukoll, fuq domanda tal-Qorti jekk kienx l-istess Marco Delia li hallsu fiz-zewg okkazjonijiet u cioe' kemm bhala depozitu u kif ukoll bhala kambjali huwa wiehed fl-affirmattiv.

B'kull rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, mis-sentenza appellata jidher bic-car illi fir-rigward tal-appellant Roderick Delia, il-Qorti tal-Magistrati skartat ghal kollox din ix-xhieda ta' Gaetano Spiteri liema xhieda kienet krucjali hafna sbiex dik il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni jekk l-akkuzi rigward hasil ta' flus fil-konfront tal-appellant gewx ippruvati minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni jew le.

Illi a rigward l-akkuzi ta' hasil ta' flus, fl-10 ta' Jannar, 2012 il-prosekuzzjoni tellghet bhala xhud lil Stephen Cachia in rapprezentanza tat-Transport Malta

(ex-ADT) li xehed u anke esebixxa dokument li juri li l-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CGV021 kienet registrata fuq Marco Delia. Dan xehedu wkoll xhud iehor tal-prosekuzzjoni, Brian Farrugia li fil-21 ta' Lulju, 2010 ukoll gie prodott mill-prosekuzzjoni biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati in rapprezentanza ta' Transport Malta (Ex ADT).

Illi b'kull rispett lejn il-Qorti tal-Magistrati x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jippruvaw minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni l-akkuzi ta' hasil ta' flus kif dedotti kontra l-appellant. Minn qari tas-sentenza appellata wiehed mal-ewwel jinduna illi l-Qorti tal-Magistrati wasslet ghall-konkluzjoni li l-appellant kien hati tal-akkuzi ta' hasil ta' flus a bazi tal-fatt illi l-vettura in kwistjoni ma kienitx registrata f'isem l-appellant u li din il-vettura kellha certu valur u skartat ghall-kollox ix-xhieda ta' Gaetano Spiteri li xehed li kien Marco Delia li xtara l-vettura in kwistjoni minghandu, liema verzjoni bl-ebda mod ma giet kontradetta.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghalkemm m'hemm l-ebda dubju li l-Qorti tal-Magistrati wiznet ix-xhieda tal-Ispettur Muscat bir-reqqa fl-ebda mument ma kellha l-opportunita' li tisma lil Alfred Delia u lil Marco Delia. Dan qieghed jinghad stante li mill-Atti jirrizulta illi Alfred Delia u Marco Delia li dwarhom xehed l-Ispettur Muscat qatt ma xehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt kemm Alfred Delia u Marco Delia kienu prodotti muill-prosekuzzjoni bhala xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Marzu, 2012 izda stante li dawn ix-xhieda jigu missier u hu l-appellant rispettivament huma ghazlu li ma jixhdux. Ghaldaqstat u  b'konsegwenza ta' dan ix-xhieda tal-Ispettur Antonvoich Muscat hija 'detto del detto'. Issa huwa principju fondamentali fil-ligi Kriminali li xhieda li tirrizulta li hija 'detto del detto' ma hix ammessa bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm ix-xehed l-Ispettur Muscat dwar dak li rrizultalu kien biss l-Ispettur Muscat li xehed li kienu qalulu Alfred u Roderick Delia. Allura gia ladarba dan gie stabbilit isegwi li l-Qorti tal-Magistrati Kellha tiskarta x-xhieda tal-Ispettur Muscat.

A bazi ta' dan kollu hawn fuq rilevat jigi umilment sottomess li l-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet issib lill-appellant hati tal-akkuzi ta' hasil ta' flus kif dedotti kontra tieghu.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju jirrigwarda l-piena inflitta. Anke li kieku din il-Qorti kellha taqbel mad-decizjoni li wasslet ghaliha l-Qorti tal-Magistrati u cioe li ssib lil appellant hati anke tal-akkuzi li minnhom qieghed jinterponi dan l-appell, il-piena inflitta hija wahda eccessiva. Dan qieghed jinghad stante li ghalkemm il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi relatati mat-traffikar tad-droga ma jistax ma jigix osservat illi ma nstabet l-ebda droga li kienet tappartjeni lill-appellant u ghalhekk dan kellu jigi rifless fil-piena inflitta fuq l-appellant mill-Qorti tal-Magistrati. Jigi nnotat ukoll illi mill-Atti processwali ma jirrizultax li saret xi tfittxija fir-residaenza tal-apepllant. In oltre, ghalkemm il-fedina penali tal-appellant mhix xejn felici huwa gie liberat mill-akkuza tar-ricediva stante nuqqas ta' provi u ghaldaqstant ma kienx jimmerita awment fil-piena. Jinghad ukoll illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, il-Qorti tal-Magistrati rrimarkat dwar l-atteggament tal-appellant waqt it-tfittxija kif ukoll il-procedurei, li b'kull rispett m'ghandiex tkun raguni ghalfejn il-piena tkun iktar harxa kif bhal donnha insinwat il-Qorti tal-Magistrati.

   Fl-ahharnett, mill-Atti processwali jirizulta bis-shih illi llum il-gurnata l-appellant irranga hajtu tant u hekk li ghandu xoghol stabbli (prova ta' liema ngabet mid-difiza) u b'determinazzjoni kbira qighed jagheml minn kollox sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. L-appellant qieghed jigi segwit mill-Probation Officer Joanna FArrugia li xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala xhud in difeza fit-30 ta' Ottubru, 2013. Joanna Farrugia xehdet kif fl-(4) snin li ilha ssegwi lill-appellant hija rat progress kibru u beda jissottometti ruhu ghal-testijiet tal-urina li dejjem irrizultaw fin-negattiv.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Freddie Delia huma s-segwenti w cioe':-

Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti ma setghet taht l-ebda cirkostanzi ssib il-htija ghal dak li jirrigwarda t-traffikar tad-droga eroina fil-konfront tal-imputat.

Illi effettivament l-unika prova li ngabet kontra l-appellant Freddie Delia in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni kienet biss l-istqarrija guramentata u l-eventwali depozizzjoni viva voce fi stajdu tal-kumpilazzjoni ta' certu Mark Cassar, li fol.58 tal-process. Illi dan Cassar effettivament ta' sqarrija guramentata fejn huwa indika lil Freddie Delia bhala l-persuna li kienet tfronih bid-droga eroina u li huwa kien ilu mahkum mill-vizzju madwar erba' snin. Qal illi kien jixtri minghand persuna twila maghrufa bhala l-Pajpaj minn Haz Zabbar u li l-istess persuna kienet issuq vettura Pajero.

Illi imbghad viva voce l-istes Cassar biddel il-verzjoni tieghu u stqarr illi effettivament huwa kien ha zball peress illi lill-ahwa ma kienx jafhom sewwa, u li huwa ried jindika lil Roderick Delia, bhala l-persuna li kienet tfornih bid-droga u anke indikah fl-awla. Illi waqt l-istess deposizzjoni mbghad mistqosi ghal darb' ohra minghand min kien qed jinqeda, ix-xhud Cassar, semma ghal darba' ohra lil Freddie Delia, u mitlub sabiex jindikah in awla, ix-xhud ghal darba ohra rega' indika lil Roderick Delia bhala l-persuna li kienet taqdih.

Illi hawnhekk indubjament jezisti kunflitt serju fid-deposizzjoni tax-xhud Cassar li jirrizulta kemm mill-istess depozizzjoni viva voce u kif ukoll mill-istqarrija illi huwa rrilaxxa bil-gurament, liema kunflitta, bhala principju bazilari fil-kamp pemnali, ghandu dejjem jimmilita a favur tal-imputat stante li mill-istess propvi ma tista' qatt tasal ghal grad tal-prova rikjest mill-ligi.

Illi madanakollu, mhuxx hekk ghazlet taghmel fis-savju gudizzju taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti li min-naha taghha qalet illi kienet zsejra tiehu d-depozizzjoni ta' Mark Cassar bhala wahda li kienet saret kontra Freddie Delia, u cioe li l-istess Cassar kien jinqeda ghad-droga eroina minghand l-istess Freddie Delia. Illi effettivament dan jissorprendi bil-bosta lid-difiza partikolarment meta wiehed iqis illi t-traffikar fil-konfront tal-appellant Freddie Delia ma jirrizulta mill-ebda stqarrija ohra li ttiehdet, kemm dawk guramentati u ohrjn. Dan jinghad partikolarment fl-isfond tal-fatt illi lanqas ma hija daqstant reomta l-ipotezi li persuna mahkuma mill-eroina ghal perjodu ta' erba (4) snin taghmel dawn it-tipi ta' zbalji waqt l-ghoti ta' sqarrija partikolarment meta wiehed iqis illi hemm anke xebh bejn iz-zewg imputat.

Dan kollu indubjament jimmilita favur l-imputaat u ghalhekk jezisti kunflitt serju fil-prova tal-ewwel akkuza fil-konfront tal-appellant Freddie Delia u li minhabba dan, l-istess prova kellha necessarjemanten tigi skartata.

Illi imbghad ghal dak li ghandu x'jaqsam il-money laundering l-esponent ukoll ghandu lanjanzi fir-rigward tal-provi migbura.

Illi fir-rigward tal-akkuzi mmarkati (e) u relatati mal-money laundering l-prosekuzzjoni resqet sabiex jiddeponi lill-ispettur Antonovich Muscat. Dan ix-xhud xehed dwar investigazzjoni dwar hasil ta' flus li mexxa fil-konfront ta' certu Alfred Delia u Marco Delia li rispettivament jigu missier u hu l-appellant. L-ispettur Muscat xehed li din l-investigazzjoni kellha s-sors taghha f'investigazzjoni ohra li l-Pulizija tal-iskwadra kontra d-Droga kienu qedghin jaghmlu fil-konfron tal-appellant Roderick Delia u huh Freddie Delia fejn irrizulta li l-appellant kien qieghed jaghmel uzu minn vettura tat-tip Mitsubishi Pajero li ma kienitx registrata f'ismu.

Illi dwar dak li xehed l-abbli spettur fejn hua bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li kien sema' minghand Alfred Delia, missier l-imputati, u Marco Delia, huhom, id-difiza tirrileva illi din l-istess xheida kella bid-dovut rispett tigi skaratata fl-intier taghha.

Illi dana qieghed jinghad stante illi l-Ewwel Qorti fl-ebda stadju ma kellha l-opportunita' tisma lill-istess Alfred u Marco Delia u ghaldaqstant jinghad li din ix-xhieda hijja bbazata fuq hearsay evidence, detto del detto, liema xhieda mhijiex ammissibli bhala prova - partikolarment fi proceduri ta' natura penali u dak li ntaqal minn Alfred u Marco Delia fil-mori ta' investigazzjonijiet li ttiehdu fil-konfront taghhom ma jista' qatt iservi bhala prova fi proceduri pendenti kontra l-appellant Freddie Delia.

Illi dan jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li xehed is-Sur Gaetano Fenech li ddepona quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar it-28 ta' Marzu, 2012 li ghal dak li jirrigwarda l-appellant Freddie Delia huwa qal illi kien biegh xi vetturi lil Freddie izda l-pagamenti kollha dejjem kienu saru minn Alfred il-kbir, cioe' missier l-imputat!

Illi bid-dovut rispett, ghad li l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat sabiex jiggustifika l-assi kollha li kiellu f'ismu jehtieg jigi rilevat illi hawnhekk is tratta ta' vetturi li huma lkoll rregistrati fuq terzi persuni u li effettivament, l-aktar prova saljenti, d-deposizzjoni tas-Sur Gaetano Fenech li wara kollox ircieva l-pagamenti, xehed fis-sens illi l-pagamenti kollha rcevihom minghand persuna li ma kienitx l-imputat u ghalhekk dawn l-akkuzi ma huma bl-ebda mod marbuta mal-appellant Freddie Delia. Jinghad ghalhekk illi galadarba l-assi mhumiex qieghdin mizmuma f'isem l-imputat, hekk kif ikkonfermat mir-rapprezentat ta' Transport Malta f'dawn il-proceduri, li a dirrittura tressqu bhala xhieda tal-prosekuzzjoni, u li abbazi ta' dak li xehed Gaetano Fenech li l-pagamenti gew mghoddija lilu minghand terz, allura bid-dovut rispett l-imputat ftit ghandu ghal xiex iwiegeb u li semmai il-prosekuzjoni, jekk dehrilha li l-assi kienu provenjenti xi attivita' kriminali allura kien jinkombi lilha sabiex tressaq lis-sidien tal-vetturi u tindaga dwar l-istesss.

Illi tentut kont dan kollu, il-provi prodotti ghal dak li jirrigwardaw l-akkuzi relatati mal-hasil tal-flus, certament dawn mhumiex sufficjenti sabiex iwasslu ghal grad tal-prova rikjest mil-ligi fil-konfront tal-imputat Freddie Delia u huwa ghal kollox inkoncepibbli l-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati waslet ghal konkluzjoni illi l-appellant kien hati tal-akkuzi tal-money laundering sempliciment ghaliex l-vetturi kienu rregistrati fuq terzi persuni u skartata ghal kollox xhieda aktar pertinenti u li jipprovaw illi l-hlasijiet kienu effettivament saru minn terzi persuni.

Illi abbazi ta' dan l-aggravju, l-appellant jikkontendi illi huwa ghandu jigi lliberat mill-akkuzi mmarkati (e).

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li l-piena fic-cirkostanzi kienet ukoll eccessiva.

Illi primarjament dan jinghad fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet illi effettivament l-appellant gie misjub hati tar-reat tat-traffikar tad-droga eroina abbazi ta' dak li ntqal minn xhud wahdieni li bid-dovut risepett, kif inghad ftit li xejn thalli dak is-serhan tal-mohh meghtieg sabiex isir gudizzju san fil-kamp penali, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Oltre dan, l-istess jinghad fil-konfront tal-adebiti relatati

mal-money laundering fejn l-imputat qieghed jissottometti illi s-sejbien ta' htija fil-konfront tal-istess giet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet erroneji maghmulin fuq hearsay evidence u billi a dirittura giet skartata x-xheida ta' Gaetano Spieteri, liema xheida ma gietx kontradetta fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk jehtieg illi l-piena fic-cirkostanzi tigi kkalibrata mill-gdid anke fid-dawl tal-fatt illi, ghad li l-appellant jirrikonoxxi l-izbalji tieghu u li l-vizzju tad-droga kkaratterizzalu daqstant snin minn hajtu llum il-gurnata qieghed jghix hajja kompletament differenti bl-appellant jaghmel sforzui kbar sabiex jehles darba ghal dejjem minn dan il-vizzju. Fil-fatt jinghad umilment illi tul dawn l-ahhar erba' snin sar progress li bla dujbju ta' xejn kien wiehed li rat l-imgieba u l-komportament tieghu jinbidel ta' taht fuq.

Ikkunsidrat:

Ghal habta ta' Marzu tal-elfejn u disgha (2009) il-pulizija bdiet tinvestiga certa nies illi kienu qed jiehdu d-droga, irrilaxxaw stqarrijiet guramentati illi din id-droga kienet inxtrat minghand Rodrick Delia maghruf bhala Il-Pajpaj u huh Freddie Delia. Dawn kienu Mark Cassar, Oscar Cassar, Rodney Fenech, Duranovich Coreschi u Mark Anthony Ellul. Fl-ewwel (1) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) il-pulizija iddecidew illi jaghmlu tfittxija fir-residenza tal-ahwa Delia, marru hemmhekk però sabu rezistenza qawwija min-naha tal-ahwa Delia b'hafna kliem hazin, theddid u xenati biex itawwlu kemm jista' jkun il-mument meta l-pulizija jkunu jistghu jidhlu fid-dar. Sadanittant l-ahwa Delia harqu kulma seta' kien hemm in konnessjoni mad-droga inkluz il-mizien. Però dawn gew arrestati u l-pulizija kompliet bl-investigazzjoni taghha inkluz kif dawn iz-zewg persuni illi suppost qeghdin fuq is-sigurtà nazzjonali kienu fil-pussess ta' karozzi lussuzi. Sussegwentement tressqu l-Qorti u b'sentenza tat-28 ta' Ottubru tal-2014 (fol 722) il-Qorti tal-Magistrati ikkundannat lill-ahwa Delia piena ta' prigunerija ta' erba' snin u nofs kull wiehed kif ukoll multa ta' ghaxart elef ewro kull wiehed, konfiska tal-vettura Pajero CGV 021 u BMW PAJ PAJ, konfsika ta' tlett mija u tnejn u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€382.20c), konfiska tal-mobiles tal-ahwa

Delia kif ukoll ikkundannathom ihallsu l-izpejjez tal-esperti mahtura in konnessjoni ma' dan il-kaz.

L-appellanti Freddie u Rodrick Delia hassewhom aggravati minn din is-sentenza u minnha interponew appell peress illi deherilhom illi l-Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi kif ukoll interpretat hazin il-fatti illi gew esposti quddiemha. Fi kwalunkwe kaz ma setghetx toqghod fuq il-verzjonijiet moghtija mill-persuni li ghamlu l-istqarrijiet guramentati peress illi dawn ma kinux "reliable" u biddlu l-verzjonijiet taghhom kemm-il darba quddiem il-Qorti meta ikkonfondew l-identifikazzjoni u bdew jghidu li qed jirreferu ghal Freddie u juru lil Rodrick u vice versa.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi l-appellanti ippruvaw minn kollox sabiex jhawwdu l-provi illi gew imressqa mill-Prosekuzzjoni. Dan gaghal lill-ewwel Qorti tirrimarka li kellha teskludi kull dubbju illi seta' nqala' fil-konfront tal-istqarrijiet guramentati prezentati u irriferiet ghal attentat ta' Mark u Oscar Cassar, Rodney Fenech, Mark Anthony Ellul biex ibiddlu l-verzjoni taghhom bhala skuzi patetici biex jintilef l-effett ta' dik l-istqarrija guramentata. Din il-Qorti rat illi l-ewwel Qorti hadet din il-kawza bis-serjetà illi kien jisthoqilha u ma qaghditx tezamina biss il-provi illi kellha quddiemha imma rat ukoll il-komportament tal-persuni illi xehedu fl-isfond tal-artikolu 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn fl-ahhar iddikjarat, "bla tlaqliq hija konvinta li dawn ix-xhieda xi hin gew avvicinati biex b'hekk ibiddlu l-verzjoni taghhom ..." u ghalhekk dehrilha illi kellha aktar tistrieh fuq il-verzjonijiet guramentati milli fuq il-verzjonijiet illi gew moghtija quddiem il-Qorti.

Fl-istadju tal-appell il-Qorti ma jkollhiex l-opportunità illi tara l-komportament tax-xhieda li taw id-depozizzjoni taghhom u ghalhekk trid toqghod fuq l-accertamenti illi tkun ghamlet l-ewwel Qorti u tkun riluttanti kwindi illi tbiddel id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk jirrizultalha illi d-decizjoni taghha kienet ragjonevoli u legali fic-cirkostanzi. Fil-kawza R vs Cooper (1969) Lord Chief Justice Widgery kien qal, "... assuming there is no specific error in the conduct of the trial, an Appeal Court would be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case the conclusions of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weekness of the prosecution, evidence as revealed from the transcripts of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (ara ukoll Pulizija versus Jonathan Bonello, Appell kriminali 26 ta' Gunju 2007).

Dan il-hsieb gie rifless fil-kawza "Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt", Appell Kriminali, 1 ta' Dicembru 1994 fejn qalet, "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell hu ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

L-ewwel Qorti dahlet f'hafna dettal fil-konsiderazzjoni taghha tal-provi migjuba u tat ir-ragunijiet ghaliex kienet qed tiddeciedi b'dan il-mod. F'cirkostanzi bhal dawn kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant. Il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hija perfettament

raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u ibbazata fuq il-fatti. Evidentement l-appellanti jidhrilhom mod iehor u offrew konkluzjoni ohra possibbli. Però b'daqshekk ma jfissirx illi r-ragunament tal-ewwel Qorti ghandu jkun imwarrab meta dan huwa bazat fuq aspetti legali u interpretazzjoni tal-fatti korrett. L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-progress illi ghamlu l-appellanti fil-mori ta' din il-kawza u semghet lil social workers jixhdu dwar il-komportament tal-appellanti u x-xewqa li kellhom illi jhallu dik il-hajja warajhom u jibdew hajja gdida bhala cittadini onesti. Jekk l-appellanti verament ghamlu dan il-progress – u mhux ghax ghandhom il-kawza pendenti – tant ahjar ghalihom ghax wara kollox huma se jgawdu minnha. Però dak li ghamlu fil-passat ma jistax jintesa u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta imponiet piena ta' prigunerija effettiva li bilfors kellha taghmel bit-twettiq tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------